# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/205/PESK

**tat-23 ta' April 2012**

**li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tagħha,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(2) Il-Kunsill iqis li m'għadx hemm raġunijiet biex persuna u żewġ entitajiet jinżammu fuq il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(3) Il-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuna u l-entitajiet elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan imħassra mil-lista li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' April 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

([1]) ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.

*ANNESS*

**Persuna u entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1**

A Sedghi

Walship SA

Morison Menon Chartered Accountant